MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2006

Numru. 440/2004

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
GRAZIO SIVE HORACE ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Grazio sive Horace Zammit, ta' 31 sena, imwieled Pieta' nhar it-13 ta' Settembru 1972, bin Angelo u Antonia nee' Lia, u residenti gewwa Nru 41, Sqaq Lajri, Sqaq Nru 1, Haz Zabbar, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 403872(M), u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) talli gewwa San Giljan u Swieqi u fi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer bejn il-5 ta' Gunju 2004 u s-6 ta'

Gunju 2004 matul il-hinijiet ta’ bil-lejl, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, meta ittanta jisraq vettura numru EAF574 li l-valur taghha huwa ta’ aktar minn elf lira Maltin (Lm1000), izda mhux aktar minn hamest elef lira Maltin (Lm5000), propjeta’ ta’ Alexander Caruana mill-Belt Valletta, liema tentattiv ta’ serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, u dan bi ksur tal-Artikli 41(a), 261, 263, 267, 270, 271(g) u 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

(b) u aktar talli fl-istess dati u hinijiet gewwa l-istess postijiet tal-gzejjer ta’ Malta, ikkommetta serq ta’ diversi accessorji (car stereos), hwejjeg u telefon cellulari, u oggetti ohra minn vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru GAN994, ghad-dannu ta’ Manweli Gauci miz-Zurrieq, minn vettura tal-ghamla Fiat Regata bin-numru DAU993 ghad-dannu ta’ Raymond Camilleri minn Ghawdex, minn vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru CAF806 ghad-dannu ta’ Brian John Chetcuti minn San Gwann, minn vettura tal-ghamla Tata bin-numru ABH665 ghad-dannu ta’ Simon Zammit mis-Siggiewi, minn vettura tal-ghamla Bedford Astra bin-numru EAF653 ghad-dannu ta’ Justin Micallef mill-Gzira, minn vettura tal-ghamla Fiat Uno bin-numru IAM335 ghad-dannu ta’ Vincent u Luke Cauchi mill-Kalkara, minn vettura tal-ghamla Renault bin-numru LAM467 ghad-dannu ta’ Joseph u Owen Farrugia mill-Iklin, u minn vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru RUD182 ghad-dannu ta’ Angele u Rudy Vella minn San Giljan, liema serq hu aggravat bil-hin, bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-Artikli 261, 263, 267, 270, 271(g), 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

(c) u aktar talli fl-istess data u hin gewwa l-istess postijiet tal-gzejjer ta’ Malta, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq vettura tal-ghamla Datsun Sunny bin-numru tar-registrazzjoni EAF574 ghad-dannu ta’ Alexander Caruana mill-Belt Valletta, fuq vettura tal-

ghamla Fiat Punto bin-numru GAN994 ghad-dannu ta' Manweli Gauci miz-Zurrieq, fuq vettura tal-ghamla Fiat Regata bin-numru DAU993 ghad-dannu ta' Raymond Camilleri minn Ghawdex, fuq vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru CAF806 ghad-dannu ta' Brian John Chetcuti minn San Gwann, fuq vettura tal-ghamla Tata bin-numru ABH665 ghad-dannu ta' Simon Zammit mis-Siggiewi, fuq vettura tal-ghamla Bedford Astra bin-numru EAF653 ghad-dannu ta' Justin Micallef mill-Gzira, fuq vettura tal-ghamla Fiat Uno bin-numru IAM335 ghad-dannu ta' Vincent u Luke Cauchi mill-Kalkara, fuq vettura tal-ghamla Renault bin-numru LAM467 ghad-dannu ta' Joseph u Owen Farrugia mill-Iklin, u fuq vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru RUD182 ghad-dannu ta' Angele u Rudy Vella minn San Giljan, liema hsara teccedi il-hames mitt lira Maltin (Lm500) imma ma teccedix l-elf lira Maltin (Lm1000), u dan ai termini tal-Artiklu 325(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(d) u aktar talli nhar is-6 ta' Gunju 2004, ghall-habta tad-disgha u kwart ta' filghodu, gewwa Haz Zabbar attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe' kontra PS 504 Silvio Ellul, u PC 628 Walter Sargent, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija lilu skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, u dan ai termini tal-Artiklu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(e) u aktar talli nhar is-6 ta' Gunju 2004, ghall-habta tad-disgha u kwart ta' filghodu, gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' Haz Zabbar, ingurja jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PS 504 Silvio Ellul u PC 628 Walter Sargent, persuni nkarigati sknod il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu dan is-servizz bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan ai termini tal-Artiklu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

(f) u aktar talli fl-istess data u hin gewwa Haz Zabbar, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta'

PS 504 Silvio Ellul u PC 628 Walter Sargent, u dan kif iccertifika Dr Martin Flores MD, mic-centru tas-sahha tal-Gzira, u dan ai termini tal-Artiklu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

(g) akkuzat ukoll talli fl-istess data u hin gewwa Haz Zabbar, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku u dan ai termini tal-Artiklu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

(h) u aktar talli fl-istess data u hin gewwa Haz Zabbar ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija u dan ai termini tal-Artiklu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

(i) u aktar talli fl-istess data u hin taht l-istess cirkostanzi gewwa Haz Zabbar, hebb kontra PS 504 Silvio Ellul u PC 628 Walter Sargent, sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil dawn il-persuni u dan ai termini tal-Artiklu 339(d) u Artiklu 9 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

(j) il-Qorti kienet gentilment mitluba titratta mal-imputat bhala recidiv, u dan talli nhar is-26 t’April 1995, gie misjub hati ta’ serq aggravat b’sentenza definittiva tal-Qorti Kriminali tal-Appell

(k) u kif ukoll nhar it-18 ta’ Marzu 1997 gie misjub hati ta’ qliegh b’serq, rapport falz lill-Pulizija u talli ta xhieda falza b’sentenza definittiva tal-Kriminali tal-Appell

(l) u kif ukoll nhar is-27 ta’ Frar 1997 gie misjub hati li kellu fil-pussess tieghu raza tal-cannabis b’sentenza definittiva mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Awla 8

(m) u kif ukoll nhar id-29 ta’ Novembru 1999 kien instab hati ta’ serq aggravat b’sentenza definittiva tal-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr Miriam Hayman LLD
u dan ai terminu tal-Artikli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba tordna l-konfiska tal-vettura GAH035 tal-ghamla Austin Mini, li hija parti formanti mill-corpus delicti ai terminu tal-Artiklu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal-10 t'April 2006 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta (ara fol 20 et seq) illi fis-6 ta' Gunju 2004 kienu gew irrapurtati diversi serqiet minn vetturi u attentati ta' serq fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Gunju fl-ghassa ta' San Giljan. L-Ufficjal Prosekutur jghid illi s-suspett mill-ewwel waqa' fuq l-imputat u wara 'search warrant' mill-Magistrat Mallia, il-Pulizija ghamlu tfittxija fid-dar tal-imputat. Kien irrizulta lill-Ufficjal Prosekutur li kienet saret jew sehhet serqa minn go Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni IAM335, ipparkjata fi **Triq Mikiel Anton Vassallo**, San Giljan, propjeta' ta' Lino Gauci, illi mis-seat tal-passiggier kien insteraq erba' u disghin Lira Maltin u hames centezmi (Lm94.05) f''equipment' ta' 'hi-fi' u xi hamsa u disghin Lira Maltin (Lm95) ohra ghar-rigward ta' hwejjeg personali, CD's u xi affarijiet ohra. Din il-vettura kellha l-'locks' tal-bibien sfurzati. Kien hemm vettura ohra Bedford Astra bin-numru tar-registrazzjoni AAF653 ipparkjata **f'Lourdes Lane, San Giljan**, propjeta' ta' Justine Micallef, bl-istess modus operandi. Kien hemm vettura ohra ABA665 tal-marka Tata, ipparkjata wkoll

**f'Lourdes Lane**, li kellha l-'quarter window' imkissra u minn liema vettura kien isteraq 'stereo' li jiswa' wkoll madwar disghin Lira Maltin (Lm90). Kienet saret serqa wkoll fuq vettura EAF574 ipparkjata wkoll **f'Paceville Street, San Giljan**, propjeta' ta' Alexander Caruana, li kellha l-bieb tax-xufier sgassat ukoll.

Gara illi meta l-istess Alexander Caruana akkumpanjat minn Dexter Abela u Simon Azzopardi kienu sejrin lejn din il-karozza, **sabu lill-imputat f'din il-karozza qieghed bil-'glove compartment' miftuh ibabas ma' diversi 'wires' tal-'hi-fi'.** Dawn it-tlieta pruvaw izommu lill-imputat pero' harbilhom. Dawn it-tlett persuni taw deskrizzjoni tal-persuna li sabu fil-karozza ta' Alexander Caruana lill-Pulizija, u cioe' illi kellu karnagjon skur qisu Gharbi, xaghru twil, kien liebes 'jeans' u **kellu flokk isfar**. Kien hemm serqa ohra fuq vettura Renault marka Campus LAM467 **ipparkjata fi Swieqi Road**, propjeta' ta' Owen Farrugia, li kellha d-'driver lock' imkisser u kellha hsarat ta' disgha u disghin Lira Maltin u seba' u erbghin centezmu (Lm99.47) li minnha kien insteraq 'stereo' Clarion li jiswa' disghin centezmu (90c). **Vettura ohra Fiat Punto** bin-numru tar-registrazzjoni CAX806, propjeta' ta' Brian John Chetcuti wkoll kienet **ipparkjata f'Pender Place, Triq St Andrews** u din ukoll giet sgassata bl-istess manjiera, u gew mittiehda xi CD's, 'mobile phone charger', u bejn il-hsarat u affarijiet misruqa kienu jammontaw ghal mija u tmenin Lira Maltin (Lm180).

Kien hemm serqa wkoll minn vettura **Fiat Regatta, DAA993**, propjeta' ta' Raymond Camilleri, **ipparkjata wkoll f'Lourdes Lane**, li minn go din il-vettura kienu ttiehdu xi telefoni cellulari. Bl-istess manjiera, il-vettura Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni **GAN994, kienet misjuba wkoll bil-bieba sgassata f'Lourdes Lane**, hsara ta' mija u seba' u erbghin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm147.45) li fiha kien ittiehed 'stereo' li jiswa' mija u disa' Liri Maltin (Lm109). L-ahhar vettura Fiat Punto bin-numru tar-**registrazzjoni RUD182 ipparkjata fil-vicinanzi ta' Villa Rosa**, **li tigi 'parallel' ma' Lourdes Lane**, kien sfalha serq bl-istess modus operandi, saritilha hsara ta' erba' mija u tnejn u erbghin Lira Maltin (Lm442) li

minn go fiha ttiehed ‘stereo’ Pioneer li jiswa’ mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm125). Sid il-karozza, sab mal-‘windscreen’ karta miktuba minn xi hadd bil-kliem **‘Person who stole your stereo drives a dark Mini registration number GAH035.’**

Illi l-Ufficjal Prosekutur ghamel verifiki dwar din il-vettura GAH035 u sab illi hija propjeta’ ta’ l-imputat. Illi ghaldaqstant, permezz tal-‘warrant’ mill-Magistrat Mallia, saret tfittxija ntensiva fil-propjeta’ tal-imputat mis-Surgent 504 Silvio Ellul u l-Kuntistabbli 628 Walter Seargent. L-imputat ghamel rezistenza qawwija ghal din it-tfittxija, pero’ din it-tfittxija sehhet u minn gol-kamra tal-imputat gew elevati ‘hood’ sewda tipo ta’ balaklava minghajr toqob tal-marka Reebok, ‘radio’ tal-marka Omega, erba’ CD’s li l-marka taghhom imnizzla bhala Theresa Tang, parti minn ‘stereo’ tal-vettura Toyota, zewg ‘video tapes’, ‘roll’ tal-boroz suwed li jintuzaw ghall-‘bin liners’, ‘wallet’ orangjo li fih kellu diversi karti, ‘wallet’ iehor li kellu diversi karti u anke ‘silver file’ li fih kellu pakkett tas-sigaretti Rothmans blue b’hafna karti u numru tat-telefon, zewg nuccalijiet tax-xems tal-marka Oakley, par ‘headphones’, katina tal-kulur ‘silver’, mus, ‘multiple use’ tal-ghamla Fiat, ‘t-shirt’ isfar. Kien hemm ‘silver torch’ u ‘torch’ iswed fost l-affarijiet l-ohra.

L-imputat ghamel rezistenza qawwija ghat-tfittxija fil-vettura tieghu u sahansitra kien aggredixxa lill-Kuntistabli 628 permezz ta’ daqqa ta’ ponn f’widnejh. L-Ufficjal Prosekutur xehed illi qabel ma saret it-tfittxija fil-karozza, l-imputat kellu jittiehed l-isptar ghad-Detox minhabba ‘withdrawl symptoms’ u ghaldaqstant kien hemm trapass ta’ ‘l fuq minn siegha qabel ma twettqet it-tfittxija fuq il-Mini Minor tal-imputat.

Gew esebiti l-okkorrenzi kollha tal-vetturi kollha misruqa dakinhar, dokument MT2-MT16, u gew esebiti sentenzi dokument MT19-MT22. Gew ipprezentati wiehed u erbghin (41) ritratt esebiti bhala MTX1-41.

L-Ufficjal Prosekutur xehed ukoll illi fil-lejl ta’ meta kienu qed isehhu dawn is-serqiet, kienu dahlu diversi telefonati

mehuda minn WPC183 li kienet l-'orderly' fl-ghassa ta' San Giljan, **fis-sens li l-informazzjoni kienet qed tidhol li kien hemm vettura Mini Miner li kienet qed iddur tisgassa u tkisser il-karozzi**.

PC 628 Walter Seargent, a fol 93 et seq, ikkonferma illi huwa kien wettaq it-tfittxija fid-dar tal-imputat Haz Zabbar, u mbaghad ukoll fil-Mini Minor sewda. PC 628 iddepona fuq ir-rezistenza qawwija tal-imputat. PC 628 xehed dwar it-'t-shirt' safra li kienet tidher illi kienet ghada kemm giet milbusa u mitluqa fuq is-siggu hdejn is-sodda tal-imputat. L-imputat innega li kien liebes dak it-'t-shirt' li kien mitluq hdejn is-sodda u pponta ghal 't-shirt' li kien mitni pulit u qieghed fost 't-shirts' ohra mitnijin puliti (ara xhieda a fol 94). Mistoqsi fuq il-Mini Minor, **l-imputat stqarr illi dik il-karozza ma kinitx tieghu izda kien bieghha,** u qal ukoll illi c-cwievet ma kinux qeghdin fil-pussess tieghu. Sussegwentement, din il-Mini Minor ta' kulur iswed giet mehuda d-Depot tal-Pulizija.

PC 628 Seargent qal ukoll kif l-imputat baqa' jirrezisti u sahansitra tah daqqa ta' ponn go widnejh u baqa' jaghti u jirrezisti sakemm fl-ahhar irnexxielhom jarrestawh u jehduh l-ghassa ta' San Giljan. PC 628 gharaf lill-imputat prezenti fl-awla. Gie muri l-oggetti illi gew elevati mill-kamra tieghu u gharaf dawn l-oggetti, inkluz b'mod specjali ghat-'t-shirt' safra. PC 628 ikkonferma c-certifikat mediku tieghu.

Dr Tania Vella kkonfermat ic-certifikat u kkonfermat li kienet rat u ezaminat lill-imputat Horace Zammit. Ic-certifikat jinstab a fol 70 tal-process.

Alexander Caruana, a fol 99, ikkonferma illi kien ghamel rapport fuq is-serq tal-karozza, xehed illi kien ma' shabu Paceville:

**'Jien qedtilhom hemm in-nies u kif rajtha qabditni deghxa jiena, mort gbidt ftaht il-bieba, gbidtu 'l barra u beda jghidli sorry, sorry sorry, qedtlu sorry kont qed tisraqni, u mbaghad sakemm ghalaqt il-bieb, ghax kienet…mal-hajt il-bieba, skappali u telaq jigri. U**

**mbaghad mort l-ghassa tal-Pulizija u ghamilt rapport u l-ghada l-Ispettur baghat ghalija, urieni xi ritratti u jien gharaftu mir-ritratti.'**

Alexander Caruana kkonferma illi l-karozza tieghu kienet Nissan Sunny hamra li kellha ksur fuq is-'side window' bil-bieba mghawga. L-istima tal-hsara kienet ta' sebghin Lira Maltin (Lm70) u kkonferma illi kien ma' Dexter u ma' Simon, ikkonferma wkoll illi l-persuna li kienet qed tisraqlu l-karozza kien liebes 't-shirt' isfar u 'jeans' u gharaf lill-imputat prezenti fl-awla, bil-kliem **'iva hu, hu zgur'** (ara fol 100).

PC 1051 Ryan Cremona kkonferma illi kien dahal l-imputat arrestat minn PC 628 u PS 504 fl-ghassa ta' San Giljan, ikkonferma r-rezistenza tal-imputat.

Brian Farrugia, a fol 104, xehed illi l-vettura GAH035 tghajjat lil Grazio Zammit minn Dicembru tal-2003, **'rigward insurance li saret ukoll trasferiment ta' din il-vettura ghal fuq Grazio Zammit li qieghed inxurjat ma' Gasan Mamo Insurance u ghandha polza li tkoprih mill-15 ta' Dicembru 2003 sal-21 ta' Lulju 2004.**'

Rudy Vella, a fol 106 et seq, ikkonferma s-serq tal-vettura tieghu RUD182 u li fuqha sab nota **'Person who stole your stereo drives a dark Mini Minor registration GAH035'** (ara xhieda a fol 106 u 107), u kkonferma n-nota li qeghda f''envelope' a fol 75 dokument MTAT. Dan ix-xhud ukoll ikkonferma l-hsarat fil-vettura tieghu li kienu madwar hames mitt Lira Maltin (Lm500) u l-'stereo' kien jiswa' mija u hamsa u tletin Lira Maltin (Lm135).

L-Assistant Kummissarju Paul Debattista kkonferma x-xhieda tal-identita' tal-imputat ghar-rigward tas-sentenza MT20, a fol 113 tal-process, waqt illi a fol 114, l-Ispettur Mario Bonello kkonferma x-xhieda tal-identita' tal-imputat rigwardanti s-sentenza dokument MT19.

A fol 115, PS 504 Silvio Ellul ikkonferma x-xhieda ta' PC Seargent.

Luke Cauchi, a fol 118, ikkonferma li huwa kien ghamel rapport fuq serq ta' vettura Fiat Uno, bin-numru tar-registrazzjoni IAM335 u kkonferma illi l-'stereo' tieghu li kien instab fil-vettura tal-marka Scott kien jiswa' xi erbghin Lira Maltin (Lm40) u li ghadda stima tal-hsarat lill-Ufficjal Prosekutur.

Dr Brian Flores Martin, a fol 123 et seq, ikkonferma illi huwa kien ezamina lil xi membri tal-Pulizija fis-6 ta' Gunju ghal habta tal-ghaxra u kwart, u cioe' PS 504 u PC 628 u kkonferma c-certifikati medici dokumenti M u M1, esebiti a fol 126 u 127 rispettivament, liema griehi kienu t-tnejn 'of a slight nature'.

Dexter Abela, a fol 128, ikkonferma illi huwa kien qieghed fil-kumpanija ta' Alexander Caruana, f'San Giljan fil-lejl tal-incident meta raw persuna gol-karozza tal-istess Caruana. Abela xehed illi Alex mar jiftahlu l-bieb, hargu 'l barra pero' lahaq harablu. **Abela xehed illi ma ftakarx x'kien liebes pero' jaf li kellu xaghru twil u indika lill-imputat prezenti fl-awla**.

Simon Azzopardi, a fol 130, ikkonferma x-xhieda ta' Alexander Caruana u ta' Dexter Abela**, u kkonferma illi kien l-imputat prezenti fl-awla illi kien instab fil-karozza ta' Alexander Caruana jisraq.**

Justin Micallef ikkonferma r-rapport tas-serq tal-vettura tieghu u li nsteraq l-'stereo' tieghu u bejn il-hsarat fl-'stereo' tieghu, l-ispiza telghet ghal mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm120), il-bieba biss biss kellha stima ta' xi tmenin Lira Maltin (Lm80).

A fol 145, Brian Chetcuti xehed illi kien irraporta s-serq tal-vettura tieghu fl-ghassa ta' San Giljan, CAF806 Fiat Punto bajda li minnha kien insteraq xi DVD u CD's, 'charger' tal-'mobile', Jack Daniels u xi haga zghira tal-flus. Kienet saritilha hsara fil-'locks' u kienet inkisritilha l-'alarm'. Ikkonferma dokument MT15 a fol 68.

Brian Gauci, a fol 147 et seq, ikkonferma r-rapport ta' serq tal-vettura tieghu GAN994 Fiat Punto hadra li minnha kien

insteraq ‘stereo’ u li ghar-rigward ta’ stima tal-hsarat kien ghaddiha lill-Pulizija. Ikkonferma l-istima li kien ghadda lill-Pulizija tinstab a fol 70 tal-process.

Owen Farrugia, a fol 157, ikkonferma r-rapport li ghamel fl-ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan rigward serq ta’ ‘stereo’ mill-karozza tieghu Renault Campus bin-numru tar-registrazzjoni AAM467 li kienet ipparkjata fi Triq Swieqi, Swieqi. Fiha kien hemm hwejjeg personali li wkoll kienu nsterqu. Ikkonferma l-istima li kien ghadda lill-Pulizija dwar il-hsarat li qeghda a fol 72 u 73 tal-process f’ammont ta’ mija u sittin Lira Maltin (Lm160).

PC 186 Christian Mintoff, a fol 161, ikkonferma r-ritratti esebiti fil-process.

L-imputat Horace Zammit, a fol 162 xehed b’referenza ghar-rikors ghar-revoka tal-liberta’ provvisorja maghmul mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Raymond Camilleri, a fol 170 et seq, ikkonferma r-rapport li huwa ghamel l-ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan rigward serq mill-vettura tieghu Fiat DAU993 li minnha kien insteraq ‘mobile’ tal-marka Alcatel. Raymond Camilleri kkonferma li kien sab il-karozza tieghu bil-hgiega ta’ wara mkissra, u kien naqaslu kemm il-‘mobile phone’ u kif ukoll nuccali tax-xemx.

L-imputat, a fol 184, xehed ghar-rigward il-liberta’ provvisorja.

L-Ispettur Tonna kkonferma s-sentenza M22 fil-konfront tal-imputat fis-seduta tal-10 t’April 2006, waqt illi fl-istess seduta, Angela Vella kkonfermat ir-rapport tas-serq tal-vettura RUD182, propjeta’ taghha illi pero’ kien jaghmel uzu minnha Rudy Vella. Ikkonfermat illi r-rapport lill-Pulizija filfatt kien ghamlu t-tifel taghha Rudy.

L-imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri, u xehed biss ghar-rigward tar-rikorsi tal-liberta’ provvisorja.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-kumpless tal-provi fuq indikati, huwa evidenti illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tigbor provi sostanzjali fil-konfront tal-imputat. Dan qed jinghad ghaliex fil-lejl indikat fic-citazzjoni, kienu saru sensiela ta' serqiet bl-istess modus operandi, fuq vetturi li kienu pparkjati f''area' zghira f'Paceville/Swieqi, liema serqiet huma dawk li bihom jinsab mixli l-imputat.

Illi l-Pulizija bdew jidhlulha rapporti dwar dan is-serq b'mod immedjat, u rapporti fis-sens illi kien qed ikun hemm Mini Miner sewda bin-numru tar-registrazzjoni GAH035 fl-akwati ddur tisgassa u tkisser il-vetturi. Illi di piu', instabet in-nota esebita fil-process fuq il-vettura RUD182 illi nkitbet u nstabet fuq l-istess imsemmija karozza bil-kliem **'The person who stole your stereo drives a dark Mini registration number GAH035.'**

Illi din il-karozza, ghalkemm ma tghajjatx lill-imputat, kienet taht il-kontroll tieghu kif jirrizulta mix-xhieda ta' Brian Farrugia, fejn l-imputat huwa l-persuna illi nxurja l-karozza, ghalkemm it-'transfer' kien ghadu ma sehhx. Din kienet ukoll il-karozza li nstabet hdejn id-dar tal-imputat.

Illi di piu' kien hemm tlett xhieda okulari cioe' Alexander Caruana, Dexter Abela u Simon Azzopardi illi lkoll gharrfu lill-imputat bhala l-persuna illi nqabad in flagrante delicto meta nqabad minn Alexander Caruana li propjament sab lill-imputat liebes it-'t-shirt' isfar qieghed jisraq mill-vettura tieghu dak il-lejl tal-incident. Dan it-'t-shirt' isfar li gie esebit in atti, huwa l-istess wiehed illi PC 628 Seargent u PS 504 Ellul nstab imholli vicin tas-sodda tal-imputat, u kien l-uniku 't-shirt' li kien imqalleb fost 't-shirts' u hwejjeg ohra li kienu mitnijin u mhollijin puliti.

Jirrizulta ppruvat ukoll bla dubju dettat mir-raguni r-rezistenza li l-imputat ghamel fil-konfront ta' PS 504 Ellul u PC 628 Seargent, kif del resto jirrizulta fil-feriti hfief illi wettaq l-imputat fuq il-persuna taghhom. Il-prova tar-recidiva saret skond il-ligi bl-esebizzjoni tad-diversi sentenzi u bix-xhieda tal-identita' mill-Assistant

Kummissarju tal-Pulizija Debattista, mill-Ispettur Bonello u mill-Ispettur Mario Tonna stess.

Illi fil-konsiderazzjoni tal-piena, il-Qorti rat illi fil-mori tal-kawza l-imputat segwa program ta’ rijabilitazzjoni kontra d-droga.

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi dedotti kontra tieghu b’assorbiment ta’ akkuzi (h) u (i), u wara li rat Artikli 18, 41(1)(a), 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 281, 325, 95 u 96, 214 u 221, 338dd, 49 u 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-imputat ghal tlett snin prigunerija li minnhom iridu jitnaqqsu z-zmien li minnhom l-imputat ghamel f’arrest preventiv. Din il-Qorti qed tinfliggi din il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-eta’ tal-imputat, l-ammont ta’ opportunitajiet illi l-imputat giet moghti minn diversi Qrati sabiex jirrijabilita lilu nnifsu, l-isforzi stess li ghamel l-istess imputat f’dan ir-rigward, is-sensiela konsiderevoli ta’ serqiet illi wettaq l-imputat f’lejla wahda.

Il-Qorti tirrakkomanda illi l-imputat ikompli jsegwi l-program ta’ rijabilitazzjoni kontra d-droga minn hdan il-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, biex ma jintilifx il-progress illi l-imputat ghamel fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------